MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 193/2008/1

**Canadian Enterprises Limited**

**vs**

**Emanuel Zammit**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Gunju, 2010 il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, tmien mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6,8880.28) rappresentanti (kelma mhux maghrufa) dovuta lis-socjeta’ attrici wara t-trasferiment tal-vettura

Harley Davidson Nostalgia numru ta' registrazzjoni 'CAE 071', liema vettura kienet registrata fuq l-istess socjeta' attrici, u dan in sostenn ta' ftehim li kien iffirmat bejn il-partijiet fl-20 ta' Gunju, 1993.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 8 u fol 9 tal-atti) u li biha espona bir-rispett :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu debitament respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi l-azzjoni de quo hija preskritta ai termini tal-ligi skond l-Artikolu 2132 (1) u (2) tal-Kodici Civili stante illi s-socjeta' attrici kienet intavolat talba ghall-dan l-ammont fil-Kawza ppresentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Jannar, 1997 u kellha r-referenza Cit. numru 139/97FGC li kif jista' jigi ampjament ippruvat kienet giet kancellata u mpoggija sine die u s-socjeta' attrici qatt ma regghet prevaliet ruhha illi terga' tappunta l-istess.

2. Illi llum ben ghaxar snin wara tinstab tippresenta l-avviz odjern bl-istess pretensjonijiet li certament huma preskritti ai termini tal-precitat artikolu u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

3. Illi l-esponent kien ippresenta dokument ufficjali fejn gie ppruvat illi s-socjeta' attrici kienet zammet prezz ferm u ferm ghola minn dak permess ghall-bejgh tal-mutur in kwistjoni u ghalhekk kien irrisulta over pricing u overcharging. Illi in effetti l-mutur inbiegh ghal Lm8,500 skond kuntratt datat 20 ta' Jannar, 1993 fejn thallset is-somma akkont ta' Lm1,000.00. Il-bilanc li kellhu jithallas kien ta' Lm7,500. L-intimat ippresenta ricevuti barra mill-hlas ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) fl-ammont totali ta' Lm8,900. Ghalhekk b'kollox hallas is-somma ta' Lm9,900.

Ghalhekk l-intimat hallas benn in eccess ghas-somma dovuta. Illi l-attur ittenta jispejga diskrepanza ta’ Lm1,000 ohra permezz ta’ ricevuta ta’ parts datata 11 ta’ Settembru, 1992 f’data li l-anqas l-mutur in kwistjoni ma kien wasal Malta u kien in effetti parts li thallsu minn Leo Grech proprjetarju ta’ mutur iehor liema hlas thallas minn cheque li jista’ jigi prodott mill-istess Leo Grech.

4. Illi kif kien gie ampjament ippruvat permezz ta’ ricevuti l-konvenut hallas ferm aktar mill-prezz attwali patwit.

5. Illi l-intimat dam mis-sena tal-akkwist u cioe’ mis-sena 1993 sa 1 ta’ Gunju, 2008 sabiex jkun trasferit lilu f’ismhu l-imsemmi mutur. Illi huwa dam dan iz-zmien kollhu minghajr pjanci ta’ registrazzjoni u ghalhekk qatt ma seta’ juza l-istess.

6. Illi l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell kienu taw sentenza kontra l-attur nomine u ordnawlu jitrasferixxi l-mutur f’isem l-esponent b’multa ghal kull gurnata fin-nuqqas u cio nonostante baqa’ inadempjenti sakemm sar intervent mid-Dipartiment tal-Licenzji fejn huwa accetta illi jitrasferixxi l-mutur lill-esponent.

7. Illi fil-kaz illi din l-azzjoni mhijiex preskritta huwa jixtieq jipprevalixxi ruhu u jitlob r-restituzzjoni tal-ammonti kollha mhallsha indebitament.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha b’mod specjali dawk tac-citazzjoni numru 139/97FGC imsemmija fir-risposta tal-konvenut u li giet differita <u>‘sine die’</u> fl-10 ta’ Novembru, 1999 u giet dikjarata <u>dezerta</u> fit-2 ta’ Mejju, 2000 skond l-artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza tirreferi ghall-eccezzjoni preleminari tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni u saret referenza ghall-artikolu 2132 (1) u (2) u 2156 tal-Kapitolu 12 citat.

Illi l-artikolu 2156 citat jispecifika illi l-azzjonijiet elenkati fl-istess artiklu jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames (5) snin. F'dan il-kaz presumibilment qed issir referenza ghas-sub-inciz (f) b'referenza ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej 'minn hwejjeg ohra'.

Illi dan l-artikolu, f'dan il-kaz, qed jigi abbinat ma' dak enumerat 2132 fl-istess Kodici. Dan jghid illi l-ksur ossija l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx jekk l-attur jcedi t-talba jew jekk il-kawza tibqa' dezerta, dan tal-ahhar applikabbli ghal dan il-kaz. Difatti, kif di gja' gie premess, kien hemm di gja kawza bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu li sfat dezerta

Konsegwentement, peress li l-kaz quddiem il-Qorti Superjuri kien gie dikjarat dezert ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Jannar, 1997 ghandha tigi konsiderata bhala inefikaci u sabiex it-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli seta' jigi interrot.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-provi, xehed Kenneth Azzopardi (fol 15 et seq ibid) u dan semma li kien biegh bhala in rappresentanza tas-socjeta' attrici lill-konvenut il-mutur in kwistjoni numru CAE 071 u in rigward il-hlas tal-prezz, il-konvenut kien hallas fil-bidu Lm1,000, bil-bilanc jithallas ratealment. Dan il-bejgh kien sar matul l-1993 u l-istess vettura sadanittant kien baqghet registrata fuq isem is-socjeta' attrici sal-2006. Difatti hu kien irceva ittra (a fol 18 ibid) minghand l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta sabiex jirregistra t-trasferiment tal-istess mutur fuq isem il-konvenut u ghalhekk,

hu kien ‘kostrett’ li jesegwixxi din il-procedura. Wara u skond dejjem l-istess xhud, wara li l-mutur gie registrat mal-Awtorita’ msemmija fuq il-konvenut ix-xhud kien tkellem ma’ dan f’Marzu, 2006 izda l-istess konvenut kienu qallu li ma kienx f’posizzjoni li jhallas ossija ‘…. ghad kellu problemi finanzjarji u ma setax jhallasni ghalissa’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hu minnu illi eccezzjoni bhal dik in esami ghandha tigi applikata favur il-kreditur in vista li tissolvi telfien ta’ dritt sabiex wiehed jithallas. Izda f’dan il-kaz :

a) Kif di gja gie premess ic-citazzjoni presentata quddiem il-Qorti Superjuri sfat dezerta u ghalhekk it-trapass tal-perjodu ta’ preskrizzjoni ma giex interrott.

b) Mill-atti li jirreferu ghall-istess citazzjoni, is-socjeta’ attrici specifikat illi l-ahhar pagament kien gie effettwat fis-7 ta’ Frar, 1996 (ara fol 63 tal-atti tal-istess citazzjoni). Da parti tieghu, il-konvenut fl-istess atti a fol 19 sa fol 26 ippresenta l-<u>ircevuti</u> in fotokopja tal-pagament li saru u mmarkati minn Dok B sa Dok I. Minn dan jidher ukoll li l-ahhar pagament kien sar mill-konvenut fis-7 ta’ Frar, 1996.

Illi minn din id-data beda jiddekorri l-perjodu tal-preskrizzjoni li skada fi Frar 2001.

Illi l-avviz in ezami gie presentat ferm wara, fl-10 ta’ April, 2008.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-istess Kenneth Azzopardi kif premess accenna ghal diskors, matul Marzu 2006 bejnu u l-konvenut wara li hu kien effettwa t-trasferiment tal-istess mutur. Dwar dan il-Qorti rat jekk dan seta’

jkun konsiderat bhala xi forma ta' rikonoxximent ta' debitu da parti tal-konvenut (ara l-artikolu 2133 tal-kodici civili). Dwar dan il-Qorti tara li x-xhieda in esami ma hiex sufficjenti sabiex tkun konvinta li dan id-diskors fil-fatt sar, dan dejjem fuq bazi ta' probabilita' tenut kont b'mod specjali li l-istess diskors kien allegatament sar snin wara li l-perjodu ta' preskrizzjoni kien skada u b'kumbinazzjoni ftit wara li r-rappresentant tas-socjeta' attrici kien irregistra t-trasferiment tal-istess mutur fuq isem il-konvenut, u dan mal-Awtorita' kompetenti.

Ikkunsidrat

Illi minhabba dak premess l-eccezzjoni in esami ser tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preleminari in esami u tiddikjara l-azzjoni bhala estinta bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess socjeta' attrici."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza biex tipproponi dawn l-obbjezzjonijiet:-

1. L-ewwel Qorti interpretat il-mertu bhala talba semplici ghall-hlas ta' bilanc tal-prezz ta' oggett mobbli meta din invece kienet wahda ghall-kumpens in segwitu ghat-trasferiment lill-konvenut tal-mutur li sehh fl-2006;
2. B'konsegwenza ta' dik il-konsiderazzjoni skorretta tat-talba taghha, l-ewwel Qorti applikat erronjament il-principju tal-preskrizzjoni;

Jigu qabel xejn premessi dawn il-fatti li johorgu mill-inkartament tal-kaz prezenti u ta' dak l-iehor fl-istess ismijiet per Citazz. Nru. 139/97/FGC:-

1. Bi skrittura ta' ftehim tal-20 ta' Jannar 1993 is-socjeta` attrici bieghet b'*hire purchase* lill-konvenut mutur

tal-marka “Harley-Davidson Heritage Nostalgia” versu l-prezz ta’ Lm8500. Dan il-prezz kellu jithallas kwantu ghal Lm1000 bhala depozitu u l-bilanc permezz ta’ sitta u tletin (36) skadenza ta’ pagament flimkien ma’ l-interessi;

2. Bic-citazzjoni fuq indikata introdotta fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Jannar 1997 is-socjeta` attrici talbet permezz tal-procedura sommarja specjali l-hlas ta’ Lm2957.17, bilanc dovut fuq kambjala datata 10 ta’ Marzu, 1993, li skadiet fl-10 ta’ Marzu, 1995. Irid jinghad li dik il-Qorti ppermettiet lill-konvenut iressaq id-difizi tieghu. Fl-10 ta’ Novembru 1999 dik il-kawza giet differita *sine die* u eventwalment dikjarata dezerta fit-2 ta’ Mejju 2000;

3. Ghall-azzjoni issa proposta bir-Rikors promotur il-konvenut issolleva b’opposizzjoni l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2132 (1) u (2) u l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

Is-socjeta` attrici appellanti tavvanza bi pretest illi dik l-azzjoni l-ohra taghha kienet wahda kambjarja mentri dik odjerna hi bazata fuq il-bilanc tal-prezz tal-mutur. Tissottometti wkoll b’argoment illi gjaladarba t-trasferiment tal-licenzja tal-mutur avvera ruhu fl-2006 kien biss wara dak l-istess trasferiment li insorga fiha l-interess li tintavola l-azzjoni prezenti kontra l-attur. Hi tkompli tissottometti illi skond l-iskrittura ta’ ftehim tal-1993 il-mutur ma kellux jigi trasferit qabel ma jsir il-hlas ta’ l-ammont kollu. Evidentement, b’din is-sottomissjoni s-socjeta` attrici qeghda tikkollega ruhha ghal klawsola 9 tal-ftehim li tghid: “*only after all the payments indicated in this Agreement have been paid in full and the faithful execution of all the conditions of this agreement have been fulfilled, shall the vehicle become the sole property of the Hire Purchaser*”. Dejjem skond l-istess socjeta` appellanti gjaladarba t-trasferiment sehh fl-2006 l-perijodu preskrittiv beda jghaddi minn din is-sena u mhux mid-data ta’ l-ahhar pagament li kien sar fis-7 ta’ Frar, 1996;

Jibda biex jigi registrat in linea ta’ principju generali illi, skond gurisprudenza pacifika, “fil-vendita bil-patt tar-

rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta` li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta` tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jew zmien jivverifika ruhu, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida ta' volonta`, jew xi attivita` ohra mill-parti tal-kontraenti jew xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta`. Minn dan jitnissel illi sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat oggett tal-kontrattazzjoni tal-bejgh bil-patt fuq imsemmi" ("**Anthony Abela *nomine* -vs- Maria Attard *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1957);

Issa kif jirrizulta mill-atti, senjatament l-ittra ta' l-ADT mibghuta lir-rapprezentanti tal-kumpanija attrici fl-24 ta' Marzu 2006 (ara fol. 18) dan gie imsejjah biex jipproduci d-dokumenti okkorrenti in konnessjoni mat-trasferiment tal-mutur, kif hekk fil-fatt sar anke ghaliex kien hemm diga ordni gudizzjali f'dan l-istess rigward. F'dan ma hemm xejn gdid, ghaliex hi wkoll gurisprudenza illi "min ibiegh vettura lil haddiehor ghandu l-obbligazzjoni indotta mil-ligi stess li jaghmel dak kollu li jehtieg sabiex l-akkwirent tal-vettura jkun jista' jutilizza l-vettura lilu trasferita, u kwindi li jaghmel dawk il-formalitajiet li jkunu mehtiega sabiex isir it-transfer tal-licenzja tal-vettura favur l-akkwirent". Ara "**Edward Vincenti Kind *proprio et nomine* -vs- Maria Portelli *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju, 1962;

Huwa ferm logiku illi trattasi hawn ukoll ta' bejgh bil-*hire purchase,* is-socjeta` attrici ma kienetx tghaddi ghat-trasferiment bhal dak, avverat fl-2006, kieku ma kienx diga thallas il-prezz intier skond kif pattwit fi klawsola 9 tal-ftehim. Alternattivament, wiehed ikollu jassumi in bazi ghal principju enuncjat fis-sentenza predetta "**Abela -vs- Attard**" illi s-socjeta` attrici kien ikollha kull dritt tirrezisti b'success dak it-trasferiment mitlub minghandha ghaliex il-fatt (il-hlas tal-prezz) ikun ghadu ma sehhx;

Il-kwadru tal-fatti ma jurix u ma jispjegax dan izda jimmanifesta illi l-konvenut kien ghamel l-ahhar pagament tieghu fis-7 ta' Frar, 1996 u li s-socjeta` appellanti istitwit azzjoni fl-1997 li giet dikjarata dezerta. Tqum allura l-mistoqsija jekk is-socjeta` attrici setghetx taht il-parvenza ta' dak it-trasferiment tippretendi bi dritt illi l-preskrizzjonijiet opposti lilha ma kienux applikabbli fil-konfront ta' l-azzjoni minnha riproposta ghall-hlas ta' l-istess bilanc tal-prezz;

Huwa sew maghruf fl-ordinament taghna illi l-principju _*contra non valentem agere non currit praescriptio*_ isib applikazzjoni limitatament fil-kazijiet ta' sospensjoni skond l-Artikolu 2125 Kodici Civili, u f'dawk il-kazijiet fejn eccezzjonalment il-ligi tikkoncedi rilevanza ghal certi ostakoli materjali ghall-ezercizzju tad-dritt ta' azzjoni. Ad ezempju, il-preskrizzjoni ghall-annullament ta' kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens dekorribbli mill-jum li fih ticcessa l-vjolazzjoni jew minn dakinhar li jigi mikxuf l-izball, jew id-dolo jew il-kawza falza. Ara Artikolu 1223 (1) tal-Kodici Civili;

Huwa wkoll akkolt illi fil-kaz ta' kreditu d-determinazzjoni tad-*dies a quo* tibda mill-mument li jinsorgi d-dritt fil-kreditur. Fil-kaz in ezami il-kreditu kien soggett ghat-terminu taz-zmien, ossija meta jkunu sodisfatti l-hlasijiet tas-36 rata mensili. Gara li s-socjeta` appellanti introduciet azzjoni fl-1997 ghal bilanc tal-prezz u sa hawn allura t-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni ma kienx ghadu estint. B'danakollu, kif gja abbondantement rilevat, dik l-azzjoni taghha marret dezerta fis-sena 2000, u tali jitraduci ruhu f'certi konsegwenzi ghall-azzjoni hekk minnha riproposta fis-sena 2008;

Hu provvdut mill-Artikolu 2132 (1) tal-Kapitolu 16 illi "il-ksur tal-preskrizzjoni, maghmul b'talba gudizzjarja, jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, _jew jekk il-kawza tibqa' dezerta_, jew jekk it-talba tigi michuda".

Hu ulterjorment provvdut skond l-inciz (2) ta' l-istess artikolu illi fil-kaz ta' rinunzja jew ta' cahda dak li jinghad fl-inciz (1) ma jghoddx u ma japplikax jekk l-attur jerga' jgib l-azzjoni tieghu 'il quddiem fi zmien xahar minn dak in-nhar tar-rinunzja jew tac-cahda. Ara f'dan il-kuntest is-sentenzi fl-ismijiet "**Giovanni Scerri *proprio et nomine* -vs- Filippo Zammit *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Frar, 1921 u "**Felice Fenech *et* -vs- Dr. Roberto Naudi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Mejju, 1927. Jinsab deciz ukoll illi "dan ighodd fil-kaz biss li l-attur jipproponi mill-gdid l-istess azzjoni u mhux azzjoni ohra b'kawzali u talba differenti". Ara "**John Debono Ross -vs- Carmelo Debono**", Appell Civili, 15 ta' Novembru 1993;

Mhux hekk pero` fil-kaz ta' dezerzjoni, kif inhu l-kaz hawnhekk. L-effetti tieghu fuq il-preskrizzjoni huma sew illustrati fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Marzu, 1953 fil-kawza fl-ismijiet "**Neg. Joseph Darmanin *proprio et nomine* -vs- Carmelo Micallef**", per Imhallef Tancred Gouder. Fiha jinghad *inter alia* illi "bhala konsegwenza tal-premess, bid-dezerzjoni tal-gudizzju jiskomparixxi l-effett interruttiv tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni dedotta bil-gudizzju li gie perent; u ghalhekk, jekk meta tigi riproposta l-istanza tkun ghaddiet il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, ma jistax jigi invokat kontra dik il-preskrizzjoni l-beneficcju ta' l-interruzzjoni ta' dik il-preskrizzjoni bil-prezentata tac-citazzjoni fil-gudizzju li gie perent". Fi kliem iehor, id-dezerzjoni ggib l-annullament tal-perijodu anterjuri u l-bidu kontestwali ta' perijodu preskrizzjonali gdid b'effett, f'dan il-kaz, mill-ahhar pagament li kien sar fis-7 ta' Frar, 1996;

Jikkonsegwi minn dan kollu dedott illi l-ewwel Qorti sewwa ddecediet il-principju ta' dritt u din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni taghha fis-sentenza appellata li akkoljiet il-preskrizzjonijiet sollevati.

Ghal konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------